KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fl-14 ta' Marzu 2024[1]

Kawża C-86/23

E.N.I.,
Y.K.I.
vs
HUK-COBURG-Allgemeine Versicherung AG

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, il-Bulgarija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Liġi applikabbli għall-obbligi mhux kuntrattwali – Regolament (KE) Nru 864/2007 – Dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti – Assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur – Inċident tat-traffiku – Drittijiet ta' kumpens irrikonoxxuti lill-membri tal-familja tad-deċedut – Prinċipju ta' ekwità għall-finijiet tal-kumpens tad-dannu morali – Kriterji ta' evalwazzjoni"

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tal-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, il-Bulgarija) tqajjem il-kwistjoni tal-liġi applikabbli għal talba għal kumpens imressqa minn individwi, ċittadini Bulgari, taħt l-assigurazzjoni obbligatorja għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur, kontra kumpannija tal-assigurazzjoni għad-dannu morali kkawżat mill-mewt tat-tifla tagħhom f'inċident tat-traffiku li seħħ fil-Ġermanja.

2. Din il-kwistjoni hija marbuta mal-problema klassika tar-"regoli mandatorji" u tippreżenta interess doppju mill-perspettiva tal-iżvilupp tad-dritt internazzjonali privat tal-Unjoni. Hija toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità, minn naħa, li tippreċiża l-limiti tal-kunċett ta' "dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti", fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 864/2007[2], u, min-naħa l-oħra, li tiddetermina l-kriterji li jippermettu li r-regoli li jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet individwali jiġu kklassifikati bħala "dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti" fis-sens ta' dan l-artikolu, peress li dan l-aħħar aspett attwalment iqajjem dibattiti dottrinali intensi.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali ("Ruma II") (ĠU 2007, L 199, p. 40, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Ruma II").

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Ir-Regolament Ruma II

3. L-Artikolu 4 tar-Regolament Ruma II, li jidher taħt it-titolu "Regola ġenerali" jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-liġi applikabbli għal obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn delitt jew kważi-delitt ċivili għandha tkun il-liġi tal-pajjiż fejn iseħħ id-dannu irrispettivament mill-pajjiż fejn seħħ l-avveniment li wassal għad-dannu u irrispettivament mill-pajjiż jew pajjiżi fejn iseħħu l-konsegwenzi indiretti ta' dak l-avveniment."

4. L-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament, intitolat, "Dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti", jipprevedi:

"F'dan ir-Regolament xejn m'għandu jirrestrinġi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-forum f'sitwazzjoni fejn huma jkunu obbligatorji irrispettivament mil-liġi li diversament kienet tkun applikabbli għall-obbligazzjoni mhux kuntrattwali."

2. Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008

5. L-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 593/2008[3], intitolat "Dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Id-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti huma dispożizzjonijiet li r-rispett tagħhom huwa meqjus bħala kruċjali minn pajjiż għas-salvagwardja ta' l-interessi pubbliċi tiegħu, bħall-organizzazzjoni politika, soċjali jew ekonomika tiegħu, tant li dawn ikunu applikabbli fi kwalunkwe sitwazzjoni li taqa' fl-ambitu tagħhom, irrispettivament mill-liġi applikabbli għall-kuntratt skond dan ir-Regolament.

2. Xejn f'dan ir-Regolament m'għandu jirrestrinġi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti tal-liġi tal-forum."

B. Id-dritt Bulgaru

6. Ir-responsabbiltà delittwali fid-dritt Bulgaru hija rregolata mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 45 sa 54 taż-zakon za zadalzheniyata i dogovorite (il-Liġi dwar l-Obbligi u l-Kuntratti)[4] (iktar 'il quddiem iż-"ZZD").

7. L-Artikolu 45 taż-ZZD jipprevedi:

"(1) Kull persuna għandha tikkumpensa d-danni kkawżati lil ħaddieħor.

[3] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU 2008, L 177, p. 6, u rettifika fil-ĠU 2009, L 309, p. 87, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Ruma I")

[4] DV Nru 275 tat-22 ta' Novembru 1950.

(2) Fil-każijiet kollha ta' fatt delittwali, il-ħtija hija preżunta fin-nuqqas ta' prova kuntrarja."

8. L-Artikolu 52 taż-ZZD jipprovdi:

"Il-kumpens għad-danni immaterjali għandu jiġi ddeterminat mill-qorti b'ekwità."

C. Id-dritt Ġermaniż

9. Taħt it-titolu "Dannu immaterjali", l-Artikolu 253 tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili Ġermaniż) (iktar 'il quddiem il-"BGB"), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, huwa fformulat kif ġej:

"(1) Huwa possibbli li jintalab kumpens fi flus għal dannu mhux patrimonjali biss fil-każijiet speċifikati mil-liġi.

(2) Meta d-danni għandhom jitħallsu fir-rigward ta' leżjoni fiżika, ta' dannu għas-saħħa, għal-libertà jew għall-awtodeterminazzjoni sesswali, jista' jintalab ukoll kumpens ekwu fi flus għad-dannu mhux patrimonjali."

10. L-Artikolu 823 tal-BGB, intitolat "Obbligu li jiġi kkumpensat id-dannu", jgħid, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Kull min, meta jaġixxi intenzjonalment jew b'negliġenza, jagħmel ħsara b'mod illegali lill-ħajja, lill-ġisem, lis-saħħa, lil-libertà, lill-proprjetà jew kull dritt ieħor ta' ħaddieħor, huwa obbligat, fir-rigward ta' dan tal-aħħar, jikkumpensa d-dannu li jirriżulta minn dan."

11. Taħt it-titolu "Dritt ta' azzjoni diretta", l-Artikolu 115 tal-Gesetz über den Versicherungsvertrag (il-Liġi dwar il-Kuntratt ta' Assigurazzjoni), tat-23 ta' Novembru 2007 [5], fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"It-terza persuna tista' wkoll tinvoka d-dritt tagħha għal kumpens kontra l-assiguratur,

1. fil-każ ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li għandha bħala għan l-eżekuzzjoni ta' obbligu ta' assigurazzjoni li jirriżulta mil-liġi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja […]

[…]

Id-dritt joħroġ mill-obbligi tal-assiguratur li jirriżultaw mir-relazzjoni ta' assigurazzjoni u, fin-nuqqas ta' obbligu, mill-Artikolu 117(1) sa (4). L-assiguratur għandu jħallas il-kumpens fi flus. L-assiguratur u d-detentur tal-polza responsabbli għall-kumpens tad-dannu huma responsabbli *in solidum*."

[5] BGBl. 2007 I, p. 2631.

III. Il-fatti tal-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

12. Fis-27 ta' Lulju 2014, bint E.N.I. u Y.K.I., ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ċittadini Bulgari, mietet f'inċident tat-traffiku li seħħ fil-Ġermanja. L-awtur tal-inċident kien assigurat taħt l-assigurazzjoni obbligatorja għar-responsabbiltà ċivili ma' HUK COBURG-Allgemeine Versicherung AG (iktar 'il quddiem "HUK COBURG"), kumpannija tal-assigurazzjoni stabbilita fil-Ġermanja.

13. Fil-25 ta' Lulju 2017, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw azzjoni kontra HUK COBURG quddiem is-Sofiyski gradski sad (il-Qorti tal-Belt ta' Sofija, il-Bulgarija) intiża għall-ħlas ta' BGN 250 000 leva Bulgara (BGN) (madwar EUR 125 000) lil kull wieħed minnhom bħala kumpens għad-dannu immaterjali kkawżat mill-mewt tat-tifla tagħhom.

14. Fis-27 ta' Settembru 2017, HUK COBURG ħallset lil kull wieħed mill-ġenituri s-somma ta' EUR 2 500 bħala kumpens għad-dannu kkawżat mill-mewt tat-tifla tagħhom.

15. Permezz ta' sentenza tat-23 ta' Diċembru 2019, is-Sofiyski gradski sad (il-Qorti tal-Belt ta' Sofija) laqgħet parzjalment it-talba billi tat lil kull wieħed mill-ġenituri kumpens fl-ammont ta' BGN 100 000 (madwar EUR 50 000), li minnu tnaqqset is-somma ta' madwar EUR 2 500 diġà mħallsa mill-assiguratur.

16. Din il-qorti kkonstatat li d-dritt applikabbli kien id-dritt Ġermaniż dwar ir-responsabbiltà ċivili, li jipprevedi l-kumpens għad-dannu immaterjali mġarrab minn vittmi indiretti bħar-rikorrenti fil-kawża prinċipali biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jiġifieri meta l-uġigħ u t-tbatija jkunu wasslu għal dannu għas-saħħa tal-vittma indiretta. Hija qieset li l-uġigħ u t-tbatija mġarrba mill-ġenituri kellhom jagħtu lok għal kumpens, b'mod partikolari minħabba x-xokk emozzjonali gravi li wassal għal reazzjoni ta' stress akuta u għaliex, għal madwar sena wara l-mewt tat-tifla tagħhom, huma sofrew dipressjoni, ansjetà, tensjoni, instabbiltà emozzjonali, problemi ta' rqad, tnaqqis fl-aptit u aljenazzjoni emozzjonali. Sabiex timmotiva l-ammont mogħti, is-Sofiyski gradski sad (il-Qorti tal-Belt ta' Sofija) indikat li kien jeżisti prinċipju ta' kumpens ekwu għad-dannu immaterjali kemm fid-dritt Bulgaru, skont l-Artikolu 52 taż-ZZD, kif ukoll fid-dritt Ġermaniż, skont l-Artikolu 253(2) tal-BGB. Madankollu, il-kriterji għad-determinazzjoni tal-kumpens ma humiex stabbiliti minn dawn il-liġijiet nazzjonali, iżda jirriżultaw mill-ġurisprudenza ta' kull wieħed minn dawn iż-żewġ pajjiżi.

17. Is-Sofiyski Apelativen sad (il-Qorti tal-Appell ta' Sofija, il-Bulgarija) annullat is-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza. Hija ċaħdet l-azzjoni tal-ġenituri kollha kemm hi, billi qieset li huma ma kinux urew li l-uġigħ u t-tbatija kienu kkawżaw danni patoloġiċi għal saħħithom, li, skont id-dritt Ġermaniż applikabbli, jikkostitwixxi kundizzjoni għall-għoti ta' kumpens għal dannu immaterjali. Barra minn hekk, hija ddeċidiet li l-argument tagħhom li l-Artikolu 52 taż-ZZD kellu jiġi applikat, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, minflok id-dritt Ġermaniż magħżul skont l-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament, kien infondat. Fil-fehma tagħha, l-ammonti diġà mħallsa minn HUK COBURG ma jikkostitwixxux rikonoxximent mill-assiguratur tal-pretensjonijiet tal-ġenituri. Il-ġenituri ma kellhomx dritt għal din is-somma li, minħabba l-ammont tagħha, tikkorrispondi għal "kumpens żgħir" għal dannu immaterjali, previst fl-Artikolu 253(2) tal-BGB.

18. Il-ġenituri ppreżentaw appell ta' kassazzjoni minn din is-sentenza quddiem il-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni), il-qorti tar-rinviju.

19. Din il-qorti tosserva, qabelxejn, li l-leġiżlazzjoni Ġermaniża applikabbli f'dan il-każ skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Ruma II, jiġifieri l-Artikolu 253(2) u l-Artikolu 823(1) tal-BGB, moqrija flimkien mal-punt 1 tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 115(1) tal-Liġi dwar il-Kuntratt ta' Assigurazzjoni, hija identika għal dik inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza HUK COBURG-Allgemeine Versicherung [6], li kienet tikkonċerna l-istess inċident tat-traffiku bħal dak inkwistjoni f'dan il-każ.

20. Sussegwentement, il-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni) tirrileva li, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, minn naħa, li l-leġiżlazzjoni Ġermaniża inkwistjoni kienet taqa' taħt id-dritt nazzjonali sostantiv tar-responsabbiltà ċivili, li għalih tirreferi d-Direttiva 2009/103/KE [7], u kienet tipprevedi kriterju oġġettiv li jippermetti li jiġi identifikat id-dannu immaterjali li jista' jagħti lok għal kumpens lil membru tal-familja qrib il-vittma ta' inċident tat-traffiku. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-Direttiva 2009/103 ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi kriterji vinkolanti għad-determinazzjoni tad-danni immaterjali li jistgħu jiġu kkumpensati.

21. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, kuntrarjament għal-leġiżlazzjoni Ġermaniża inkwistjoni f'dan il-każ, li tissuġġetta d-dritt għal kumpens għad-dannu immaterjali għal tliet kundizzjonijiet, jiġifieri li l-vittma tkun ġarrbet dannu għas-saħħa tagħha stess, li tkun membru tal-familja qrib il-vittma diretta u li teżisti relazzjoni kawżali bejn in-nuqqas imwettaq mill-persuna responsabbli għall-inċident u dan id-dannu, l-Artikolu 52 taż-ZZD jipprevedi li l-kumpens għad-dannu immaterjali għandu jiġi ddeterminat mill-qorti b'mod ekwu. Fil-fehma tagħha, minn ġurisprudenza vinkolanti tal-Varhoven sad (il-Qorti Suprema, il-Bulgarija) u tal-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni) jirriżulta li, fid-dritt Bulgaru, l-uġigħ morali kollu u t-tbatijiet kollha mġarrba mill-ġenituri minħabba l-mewt tal-wild tagħhom wara inċident tat-traffiku kkawżat minn att delittwali jew kważi delittwali jistgħu jkunu s-suġġett ta' kumpens, mingħajr ma jkun neċessarju li d-dannu jkun ikkawża indirettament dannu patoloġiku għas-saħħa tal-vittma. Hija tindika li l-ammont tad-danni jiddependi miċ-ċirkustanzi li jikkaratterizzaw dan il-każ, peress li l-ammont abitwali mogħti għal dannu immaterjali lil ġenitur għall-mewt ta' wild f'inċident tat-traffiku li seħħ fl-2014 kien ta' madwar BGN 120 000 (madwar EUR 61 000), filwaqt li l-ammont massimu mogħti fid-dritt Ġermaniż kien ta' madwar EUR 5 000. Fil-fehma tagħha, jekk jitqies li l-ilment tal-ġenituri għandu jintlaqa' u li huma pproduċew il-prova ta' dannu patoloġiku, l-ammont massimu li għandu jitħallas ikun ta' EUR 5 000.

22. Il-qorti tar-rinviju, filwaqt li tirreferi għas-sentenza Da Silva Martins [8] li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li qorti nazzjonali għandha tiddetermina, abbażi ta' analiżi ddettaljata, jekk dispożizzjoni nazzjonali għandhiex tali importanza fl-ordinament ġuridiku nazzjonali li tiġġustifika li titwarrab il-liġi applikabbli, indikata skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Ruma II, għandha dubju jekk l-Artikolu 52 taż-ZZD jistax jitqies bħala tali dispożizzjoni, minħabba li l-prinċipju ta' ekwità huwa prinċipju fundamentali tad-dritt Bulgaru u huwa parti mill-ordni pubbliku tal-Istat. Hija tindika li l-ġurisprudenza nazzjonali hija diverġenti fir-rigward ta' din il-kwistjoni.

6 Sentenza tal-15 ta' Diċembru 2022 (C-577/21, iktar 'il quddiem is-"Sentenza KUG-COBURG I", EU:C:2022:992).

7 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU 2009, L 263, p. 11).

8 Sentenza tal-31 ta' Jannar 2019 (C-149/18, iktar 'il quddiem is-"sentenza Da Silva Martins", EU:C:2019:84).

23. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni), permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Frar 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Frar 2023, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali ("Ruma II") għandu jiġi interpretat fis-sens li dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi l-applikazzjoni ta' prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Istat Membru, bħalma huwa l-prinċipju ta' ekwità, sabiex jiġi kkalkolat il-kumpens għad-dannu morali fil-każ tal-mewt ta' qraba li jirriżulta minn delitt, tista' titqies li hija dispożizzjoni obbligatorja prevalenti fis-sens ta' dan l-artikolu?"

24. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-konvenuta fil-kawża prinċipali, mill-Gvern Ċek u dak Ġermaniż, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma żżommx seduta għas-sottomissjonijiet orali f'din il-kawża.

IV. Analiżi

A. Rimarki preliminari

25. Qabel ma neżamina l-problema ġuridika mqajma mid-domanda preliminari, jidhirli li huwa rilevanti li nagħmel il-preċiżazzjonijiet u l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin dwar il-kuntest li fih tidħol din il-kawża. Madankollu, infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, hija biss il-qorti tar-rinviju li għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti tal-kawża li jkollha quddiemha [9].

26. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-karatteristiċi speċifiċi ta' din il-kawża, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-azzjoni mressqa mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kontra HUK-COBURG intiża għall-ksib ta' kumpens, abbażi tal-assigurazzjoni obbligatorja għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur, għad-dannu immaterjali li huma sofrew minħabba l-mewt ta' binthom ikkawżata minn inċident tat-traffiku tikkonċerna l-istess inċident tat-traffiku bħal dak inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza HUK-COBURG I.

27. F'dik il-kawża, it-tilwima fil-kawża prinċipali kienet bejn iż-żewġt itfal tal-istess vittma diretta bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża u HUK-COBURG dwar il-kumpens minn din tal-aħħar, abbażi tal-assigurazzjoni obbligatorja għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vettura bil-mutur, għad-dannu immaterjali li huma kienu ġarrbu minħabba l-mewt ta' ommhom. L-azzjoni kienet saret minn dawn it-tfal, irrappreżentati minn missierhom [10]. Il-leġiżlazzjoni Ġermaniża applikabbli (*lex causae*) f'dik il-kawża skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Ruma II kienet, bħal f'dan il-każ, l-Artikolu 253(2) u l-Artikolu 823(1) tal-BGB, moqrija flimkien mal-punt 1 tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 115(1) tal-Liġi dwar il-Kuntratt ta' Assigurazzjoni.

28. Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-leġiżlazzjoni Ġermaniża applikabbli bis-saħħa tal-Artikolu 4 tar-Regolament Ruma II, mill-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju, li jirreferu għas-sentenza HUK-COBURG I, jirriżulta li din tissuġġetta l-kumpens għad-dannu immaterjali

[9] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2022, Ekofrukt (C-362/21, EU:C:2022:815, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[10] Mill-punti 16 sa 18 tas-sentenza HUK-COBURG I jirriżulta li l-missier, li kien assigurat ma' HUK-COBURG taħt assigurazzjoni obbligatorja għar-responsabbiltà ċivili, kien ikkawża l-inċident. Fil-fatt, huwa kien qed isuq il-vettura tiegħu fi stat ta' intossikazzjoni, filwaqt li l-omm kienet bilqiegħda fis-seat ta' quddiem fuq il-lemin, mingħajr ma libset iċ-ċinturin tas-sigurtà.

mġarrab minn vittmi indiretti ta' inċident tat-traffiku għal tliet kundizzjonijiet [11]. Fir-rigward tal-kundizzjoni li l-vittma tkun ġarrbet dannu għas-saħħa tagħha stess, minn din is-sentenza jirriżulta li, skont id-dritt Ġermaniż, kif interpretat mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), id-dannu ta' natura psikoloġika jista' jitqies li huwa dannu għas-saħħa biss jekk jaqa' taħt *patoloġija* u *jmur lil hinn mill-dannu għas-saħħa* li l-persuni kkonċernati huma ġeneralment esposti għalihom fil-każ ta' mewt jew ta' korriment gravi ta' membru tal-familja qrib [12].

29. Il-qorti tar-rinviju tindika li l-leġiżlazzjoni Bulgara (*lex fori*) tipprevedi min-naħa l-oħra li l-kumpens għad-dannu immaterjali għandu jiġi ddeterminat *mill-qorti b'ekwità*. Din il-qorti tippreċiża li, fid-dritt Bulgaru, l-uġigħ morali kollu u t-tbatija kollha mġarrba mill-ġenituri minħabba l-mewt tal-wild tagħhom wara inċident tat-traffiku kkawżat minn att delittwali jew kważi delittwali jistgħu jiġu kkumpensati, mingħajr ma jkun neċessarju li d-dannu jkun ikkawża indirettament dannu patoloġiku għas-saħħa tal-vittma [13].

30. F'dan ir-rigward, irrid ninnota li l-qorti tar-rinviju tidher li tqis li, kuntrarjament għal-leġiżlazzjoni Bulgara, il-leġiżlazzjoni Ġermaniża applikabbli sabiex jiġi ddeterminat il-kumpens għad-danni immaterjali ma hijiex ibbażata fuq il-prinċipju ta' ekwità [14]. Għalkemm ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, li għandha tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u li tiġġudika jekk l-interpretazzjoni mogħtija lil dawn id-dispożizzjonijiet mill-qorti tar-rinviju hijiex korretta [15], għandu jiġi osservat li, kuntrarjament għal dak li jindikaw HUK-COBURG u l-Kummissjoni, mill-Artikolu 253(2) tal-BGB ma jirriżultax li din id-dispożizzjoni hija bbażata fuq il-prinċipju ta' ekwità, iżda sempliċement tipprovdi għall-possibbiltà li jintalab "kumpens ġust", ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika [16].

31. F'dan il-każ, huwa madankollu evidenti li l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ġermaniża bis-saħħa l-Artikolu 4 tar-Regolament Ruma II twassal għal riżultat differenti f'dak li jirrigwarda l-ammont tal-kumpens, peress li din il-leġiżlazzjoni tissuġġetta l-kumpens għad-dannu immaterjali għall-kundizzjoni li l-membri tal-familja qrib ikunu ġarrbu dannu għas-saħħa tagħhom [17]. Fil-fatt, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, il-ġenituri tal-vittma diretta ma wrewx tali dannu u, konsegwentement, ma kellhomx dritt għal tali kumpens [18].

32. F'dan ir-rigward, nixtieq nenfasizza li huwa ovvju li s-sempliċi fatt li, bl-applikazzjoni tal-*lex fori*, wieħed jasal għal soluzzjoni differenti, fir-rigward tal-ammont tal-kumpens, minn dik li wieħed kien jasal għaliha bl-applikazzjoni tal-*lex causae* ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi konkluż li d-dispożizzjoni Bulgara inkwistjoni tista' tiġi kklassifikata bħala "dispożizzjoni obbligatorja prevalenti", fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, bla ħsara għall-fatt li l-applikazzjoni tal-*lex causae* tkun kompatibbli ma' kunsiderazzjonijiet ta' ġustizzja. Fi kliem ieħor, fiha nnifisha,

[11] Ara l-punt 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[12] Sentenza HUK-COBURG I (punt 46). Il-leġiżlatur Ġermaniż elimina dan ir-rekwiżit permezz tal-Artikolu 844(3) tal-BGB; ara BGBl 2017 I, p. 2421.

[13] Ara l-punt 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[14] Ara l-punt 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[15] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2023, Bank M. (Konsegwenzi ta' annullament ta' kuntratt) (C-520/21, EU:C:2023:478, punt 52).

[16] Ninnota wkoll li mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fir-rigward tar-raġunijiet għall-ammont mogħti fl-ewwel istanza, is-Sofiyski gradski sad (il-Qorti tal-Belt ta' Sofia) kienet indikat li kien hemm prinċipju ta' kumpens ekwu tad-dannu morali kemm taħt id-dritt Bulgaru skont l-Artikolu 52 taż-ZZD, kif ukoll taħt id-dritt Ġermaniż, bis-saħħa tal-Artikolu 253 tal-BGB. Ara l-punt 16 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[17] Ara l-punti 9 u 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[18] Ara l-punt 17 ta' dawn il-konklużjonijiet.

din id-differenza – jiġifieri l-fatt li l-ammont tal-kumpens għad-dannu mġarrab mill-ġenituri huwa inqas minħabba s-sempliċi fatt li t-tifla tagħhom mietet f'inċident li seħħ fil-Ġermanja u mhux fil-Bulgarija – ma jippermettix li jiġi konkluż li hemm tali klassifikazzjoni, sakemm din id-differenza ma tirriżultax mill-protezzjoni, b'mod partikolari, ta' dritt fundamentali li jiġġustifika n-neċessità li tiġi applikata l-*lex fori*.

33. Barra minn hekk, nosserva, kif jirriżulta mill-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, li l-ġurisprudenza tal-qrati Bulgari hija diverġenti fuq il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 52 taż-ZZD jikkostitwixxix dispożizzjoni obbligatorja prevalenti fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, li twassal, fil-kawża prinċipali, għall-esklużjoni tad-dritt Ġermaniż. Ser nerġa' lura għal dan il-punt iktar tard [19].

34. Wara li ngħad dan, issa ser nanalizza d-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju.

B. Fuq id-domanda preliminari

35. Permezz tal-unika domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tipprevedi, bħala kriterju għad-determinazzjoni tal-kumpens għad-dannu immaterjali mġarrab mill-membri tal-familja qrib ta' persuna li mietet wara inċident tat-traffiku, l-applikazzjoni ta' prinċipju fundamentali tad-dritt ta' Stat Membru, bħalma huwa l-prinċipju ta' ekwità, tistax titqies li hija dispożizzjoni obbligatorja prevalenti fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II.

36. HUK-COBURG, il-Gvern Ċek u dak Ġermaniż kif ukoll il-Kummissjoni jqisu li d-domanda preliminari għandha tingħata risposta fin-negattiv. HUK-COBURG issostni, b'mod partikolari, li l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali indikata mir-Regolament Ruma II tista' tiġi eskluża skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament biss jekk din l-applikazzjoni tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-forum. Il-Gvern Ġermaniż isostni li, bħala prinċipju, id-dritt nazzjonali li jipprovdi li l-kumpens għad-dannu immaterjali għandu jiġi ddeterminat b'ekwità ma jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Min-naħa tiegħu, il-Gvern Ċek, filwaqt li jirreferi għas-sentenza Da Silva Martins, isostni li l-approċċ li dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali tista' titqies li hija dispożizzjoni obbligatorja prevalenti, fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, għas-sempliċi raġuni li hija bbażata fuq prinċipji fundamentali ta' dan id-dritt jew tirreferi għalihom ma jikkorrispondix man-natura eċċezzjonali tad-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti u jikkostitwixxi mezz faċli sabiex tiġi evitata l-applikazzjoni tal-liġi magħżula skont dan ir-regolament. Il-Kummissjoni tirrileva, min-naħa tagħha, li l-identifikazzjoni ta' dispożizzjoni obbligatorja prevalenti, fis-sens tal-Artikolu 16 tal-imsemmi regolament, għandha ssir skont il-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, fis-sentenzi Unamar [20] u Da Silva Martins.

37. Sabiex nirrispondi b'mod utli għad-domanda preliminari, ser nesponi, fl-ewwel lok, xi kunsiderazzjonijiet qosra dwar ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 4 u l-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II (taqsima 1). Fit-tieni lok, ser nanalizza l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti", fis-sens tal-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament (taqsima 2), filwaqt li nenfasizza, fit-tielet lok, l-importanza tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' rabtiet suffiċjentement stretti mal-pajjiż tal-*lex fori* fl-applikazzjoni ta' din

[19] Ara l-punt 65 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[20] Sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013 (C-184/12, iktar 'il quddiem is-"sentenza Unamar", EU:C:2013:663).

id-dispożizzjoni (taqsima 3) qabel ma niddetermina, fir-raba' u l-aħħar lok, il-kriterji li jippermettu li l-istandards li jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet individwali jiġu kklassifikati bħala "dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni (taqsima 4).

1. Kunsiderazzjonijiet fil-qosor dwar ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 4 u l-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II

38. Preliminarjament, infakkar li mill-premessa 1 tiegħu jirriżulta li r-Regolament Ruma II jikkontribwixxi għaż-żamma u għall-iżvilupp ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Għal dan l-għan, dan ir-regolament jipprevedi żewġ regoli ta' kunflitt tal-liġijiet, jiġifieri, minn naħa, ir-regola ġenerali ta' rabta prevista fl-Artikolu 4[21] tiegħu, li tinsab fil-Kapitolu II, intitolat "Delitti jew kważi-delitti ċivili" u, min-naħa l-oħra, dik li tintroduċi l-awtonomija tar-rieda prevista fl-Artikolu 14 tiegħu, li jinsab fil-Kapitolu IV, intitolat "Il-libertà ta' l-għażla"[22]. Fir-rigward ta' din l-ewwel dispożizzjoni, nirrileva li l-formulazzjoni tar-regola ġenerali ta' rabta li hija tipprevedi kienet iggwidata minn rekwiżiti ta' ċertezza legali u mir-rieda li jintlaħaq kompromess bejn l-interessi diverġenti tal-partijiet[23]. Ser nerġa' lura għal dawn l-għanijiet iktar tard[24].

39. L-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, intitolat "Dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti", li jaqa' taħt il-Kapitolu V, intitolat "Regoli komuni", jipprovdi li "[f]'dan ir-Regolament xejn m'għandu jirrestrinġi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-forum f'sitwazzjoni fejn huma jkunu obbligatorji irrispettivament mil-liġi li diversament kienet tkun applikabbli għall-obbligazzjoni mhux kuntrattwali". Għalhekk, filwaqt li l-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament jindika l-liġi tal-pajjiż fejn iseħħ id-dannu (*lex loci damni*), l-Artikolu 16 tiegħu jipprevedi deroga mill-applikazzjoni tal-liġi indikata minn dan il-kriterju ta' rabta sabiex tiġi applikata dispożizzjoni obbligatorja prevalenti tal-forum. Din id-deroga għar-regola ta' kunflitt tal-liġijiet hija madankollu ta' natura eċċezzjonali, li jimplika li l-applikazzjoni tagħha għandha tkun debitament iġġustifikata, sa fejn "[l]-osservanza [ta' din id-deroga tkun] neċessarja għas-salvagwardja tal-organizzazzjoni politika, soċjali u ekonomika"[25] [traduzzjoni libera].

40. F'dan il-kuntest, il-kwistjoni legali mqajma minn din il-kawża hija għalhekk dwar jekk huwiex possibbli li titwarrab il-leġiżlazzjoni applikabbli, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Ruma II, għal obbligu mhux kuntrattwali li jirriżulta minn delitt jew kważi delitt sabiex jiġu applikati, skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament, dispożizzjonijiet tal-liġi tal-forum "f'sitwazzjoni fejn huma jkunu obbligatorji".

[21] F'dan ir-rigward, il-premessa 14 tar-Regolament Ruma II tipprovdi li "[…] dan ir-Regolament jipprevedi regola ġenerali iżda wkoll regoli speċifiċi u, f'ċerti dispożizzjonijiet, 'klawsola liberatorja' li tippermetti deroga minn dawn ir-regoli fejn ikun jidher ċar miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li d-delitt jew kważi-delitt ċivili huwa manifestament marbut aktar mill-qrib ma' pajjiż ieħor. Dan il-grupp ta' regoli b'hekk joħloq qafas flessibbli ta' regoli dwar il-konflitt ta' liġijiet". Ara, ukoll, in-nota ta' qiegħ il-paġna 37 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[22] Fir-rigward tal-Artikolu 14 tar-Regolament Ruma II, ara Pacuła K., *Wybór prawa a ochrona osób trzecich na tle rozporządzenia Rzym II*, Wolters Kluwer, Varsavja, 2024.

[23] Ara l-Proposta ta' Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi mhux kuntrattwali ("Ruma II") (COM(2003) 427 finali) p. 12, kif ukoll il-premessa 16 tar-Regolament Ruma II. Ara, b'mod partikolari, Francq, S., "Le règlement Rome II concernant la loi applicable aux obligations non contractuelles. Entre droit communautaire et droit international privé", *Journal de droit européen*, 2008, p. 289 sa 296.

[24] Ara, f'dan ir-rigward, il-punt 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[25] Ara Francescakis, P., "Quelques précisions sur les lois d'application immédiate et leurs rapports avec les règles de conflits de lois", *Revue critique de droit international privé*, 1966, pp. 1 *et seq*. Għal opinjoni kuntrarja għall-mekkaniżmu tar-regoli mandatorji, ara, b'mod partikolari, Heuzé, V., "Un avatar du pragmatisme juridique: la théorie des lois de police", *Revue critique de droit international privé*, Nru 1, 2020, p. 31 sa 60.

41. Ir-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet permezz tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti" hija s-suġġett ta' ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja, imnedija mis-sentenzi Unamar, ERGO Insurance u Gjensidige Baltic [26], kif ukoll Da Silva Martins.

2. Fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kunċett ta' "dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti", fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II

42. Fil-kawża li tat lok għas-sentenza ERGO Insurance u Gjensidige Baltic, il-qrati tar-rinviju riedu jkunu jafu, b'mod partikolari, kif kellhom jiġu interpretati r-Regolamenti Ruma I u Ruma II sabiex tiġi ddeterminata l-liġi jew il-liġijiet applikabbli għall-azzjoni ta' rkupru mressqa mill-assiguratur ta' vettura li tirmonka, li kien ikkumpensa lill-vittma ta' inċident ikkawżat mix-xufier ta' din il-vettura, kontra l-assiguratur tal-karru rmunkat f'dan l-inċident. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fir-rigward tal-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tar-Regolamenti Ruma I u Ruma II, il-kunċetti ta' "obbligu kuntrattwali" u ta' "obbligu mhux kuntrattwali" li jinsabu fihom għandhom jiġu interpretati mhux biss b'mod awtonomu, billi jsir riferiment prinċipalment għas-sistema u għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, iżda wkoll billi jittieħed inkunsiderazzjoni, kif jirriżulta mill-premessi 7 tal-imsemmija regolamenti, *l-għan ta' koerenza* fl-applikazzjoni reċiproka tal-istess regolamenti [27].

43. Fis-sentenza Da Silva Martins [28], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat għall-ewwel darba l-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, hija, fl-ewwel lok, filwaqt li bbażat ruħha fuq il-punt 43 tas-sentenza ERGO Insurance u Gjensidige Baltic, iddeċidiet li, peress li r-rekwiżit ta' koerenza fl-applikazzjoni tar-Regolamenti Ruma I u Ruma II huwa favur armonizzazzjoni sa fejn possibbli tal-interpretazzjoni tal-*kunċetti funzjonalment identiċi* użati minn dawn iż-żewġ regolamenti, għandu jiġi kkunsidrat li, indipendentement mill-fatt li ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament Ruma II jużaw terminoloġija differenti minn dik tar-Regolament Ruma I, "dispositions impératives dérogatoires" ("dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti"), fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, jissodisfaw id-definizzjoni ta' "lois de police" ("dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti"), fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament Ruma I, b'tali mod li l-interpretazzjoni, mill-Qorti tal-Ġustizzja, ta' dan l-aħħar kunċett tapplika wkoll għal dik ta' "dispositions impératives dérogatoires" ("dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti"), fis-sens

[26] Sentenza tal-21 ta' Jannar 2016 (C-359/14 u C-475/14, iktar 'il quddiem is-"sentenza ERGO Insurance u Gjensidige Baltic", EU:C:2016:40).

[27] Sentenza ERGO Insurance u Gjensidige Baltic (punt 43). Il-premessa 7 tar-Regolament Ruma II tiddikjara li l-"kamp sostantiv u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ('Brussel I') [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42, iktar 'il quddiem ir-'Regolament Brussell I')] u l-istrumenti relattivi għal-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali". Fil-fehma tiegħi, il-premessi 7 tar-Regolamenti Ruma I u Ruma II jikkostitwixxu l-bażi tal-idea li l-kunċetti użati mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jindika l-kampijiet ta' applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ regolamenti, tar-Regolament Brussell I, tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1, iktar 'il quddiem ir-Regolament 'Brussell Ia), kif ukoll tad-dispożizzjonijiet tagħhom, għandhom jiġu interpretati b'mod koerenti; ara Szpunar, M., "Droit international privé de l'Union: cohérence des champs d'application et/ou des solutions?", *Revue critique de droit international privé*, 2018, p. 573.

[28] Fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza, it-tilwima fil-kawża prinċipali kienet bejn il-vittma Portugiża u kumpannija ta' assigurazzjoni Spanjola dwar id-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għal obbligu ta' kumpens li jirriżulta minn inċident tat-traffiku li seħħ fi Spanja. Il-leġiżlazzjoni Spanjola kienet tipprevedi terminu ta' preskrizzjoni ta' sena, filwaqt li dak previst mil-leġiżlazzjoni Portugiża kien ta' tliet snin. Il-qorti tar-rinviju riedet tkun taf, b'mod partikolari, jekk il-leġiżlazzjoni Portugiża "li [kienet] tittrasponi fid-dritt nazzjonali din id-direttiva u li tipprevedi li l-liġi tal-Istat parti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea li fih seħħ l-inċident għandha tiġi ssostitwita bil-liġi Portugiża 'meta din tipprevedi kopertura aħjar', hijiex obbligatorja, fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II" (sentenza Da Silva Martins, punt 21).

tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II [29]. Infakkar li l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Ruma I jiddefinixxi d-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti bħala "dispożizzjonijiet li r-rispett tagħhom huwa meqjus bħala kruċjali minn pajjiż għas-salvagwardja ta' l-interessi pubbliċi tiegħu, bħall-organizzazzjoni politika, soċjali jew ekonomika tiegħu, tant li dawn ikunu applikabbli fi kwalunkwe sitwazzjoni li taqa' fl-ambitu tagħhom, irrispettivament mill-liġi applikabbli għall-kuntratt skond dan ir-Regolament" [30].

44. Filwaqt li rreferiet għas-sentenza Unamar [31], il-Qorti tal-Ġustizzja, fit-tieni lok, fakkret li, fil-kuntest tal-Konvenzjoni ta' Ruma, hija kienet diġà enfasizzat li l-eċċezzjoni dwar l-eżistenza ta' "regola mandatorja", fis-sens tal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat, għandha tiġi interpretata b'mod strett [32]. B'mod partikolari, fir-rigward ta' din l-interpretazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex tidentifika "dispożizzjoni obbligatorja prevalenti", fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, il-qorti tar-rinviju għandha tikkonstata, abbażi ta' *analiżi ddettaljata* tal-kliem, tal-istruttura ġenerali, tal-għanijiet kif ukoll tal-kuntest tal-adozzjoni ta' din id-dispożizzjoni, li hija għandha tali importanza fl-ordinament ġuridiku nazzjonali li tiġġustifika li titwarrab il-liġi applikabbli, indikata skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament [33]. B'mod iktar preċiż, il-qorti tar-rinviju għandha tidentifika *raġunijiet partikolarment importanti*, bħal ksur manifest tad-dritt għal rimedju effettiv u għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-liġi indikata bħala applikabbli bis-saħħa tal-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament [34].

45. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni f'dik il-kawża, li tipprevedi li t-terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni għall-kumpens għad-danni li jirriżultaw minn inċident huwa ta' tliet snin, ma tistax titqies li hija dispożizzjoni obbligatorja prevalenti, fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, sakemm il-qorti adita ma tikkonstatax, abbażi ta' analiżi ddettaljata tat-termini, tal-istruttura ġenerali, tal-għanijiet kif ukoll

[29] Sentenza Da Silva Martins (punt 28). L-assenza ta' definizzjoni tal-kunċett ta' "dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti" fir-Regolament Ruma II huwa ċertament spjegat mill-fatt li l-formulazzjoni tal-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament hija bbażata fuq l-Artikolu 7(2) tal-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980 (ĠU 2005, C 169, p. 10, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta Ruma") peress li r-Regolament Ruma I ġie adottat wara r-Regolament Ruma II. Din il-lakuna ġiet mimlija ftit wara mill-Artikolu 9 tar-Regolament Ruma I; ara, f'dan ir-rigward, Ho-Dac, M., "L'arrêt da Silva Martins de la Cour de justice de l'Union européenne, expression des 'rapports de méthodes' dans l'ordre juridique européen", *Revue trimestrielle de droit européen*, Nru 4, 2019, p. 869 sa 882, b'mod partikolari l-punt 10. Ċerti awturi tad-duttrina kklassifikaw bħala "goffa" l-espressjoni "dispositions impératives dérogatoires" (dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti) użata fl-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II fil-verżjoni lingwistika Franċiża minflok l-espressjoni klassika "lois de police" (regoli mandatorji), użata fil-premessa 32 tal-verżjoni Franċiża ta' dan ir-regolament; ara Francq, S. u Jault-Seseke, F., "*Le règlement communautaire Rome I et le choix de lois dans les contrats internationaux*, Corneloup, S., u Jaubert, S. (edituri), Lexis Nexis Litec, Pariġi, 2011, p. 357 sa 393, b'mod partikolari p. 360.

[30] Kif diġà osservajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Nikiforidis (C-135/15, EU:C:2016:281, punt 71), din id-definizzjoni hija ispirata mill-kliem użat fis-sentenza tat-23 ta' Novembru 1999, Arblade *et* (C-369/96 u C-376/96, EU:C:1999:575, punt 30), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għad-dispożizzjonijiet tad-dritt industrijali Belġjan, deskritti fid-dritt Belġjan bħala "regoli mandatorji u ta' sigurtà".

[31] Ara l-punt 49 ta' din is-sentenza. Infakkar li fl-imsemmija sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 3 u l-Artikolu 7(2) tal-Konvenzjoni ta' Ruma għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni li tissodisfa l-protezzjoni minima stabbilita mid-Direttiva tal-Kunsill 86/653/KEE tat-18 ta' Diċembru 1986 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membru li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 177), magħżula mill-partijiet f'kuntratt ta' aġenzija kummerċjali, tista' titwarrab mill-qorti adita, stabbilita fi Stat Membru ieħor, favur il-*lex fori* għal raġuni bbażata fuq in-natura obbligatorja, fl-ordinament ġuridiku ta' dan l-aħħar Stat Membru, tar-regoli li jirregolaw is-sitwazzjoni tal-aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom biss jekk il-qorti adita tikkonstata b'mod iddettaljat li, fil-kuntest ta' din it-traspożizzjoni, il-leġiżlatur tal-Istat tal-forum iddeċieda li huwa kruċjali, fi ħdan l-ordinament ġuridiku kkonċernat, li jagħti lill-aġent kummerċjali *protezzjoni li tmur lil hinn minn dik prevista mill-imsemmija direttiva*, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni f'dan ir-rigward in-natura u l-għan ta' tali dispożizzjonijiet obbligatorji (punt 52 u d-dispożittiv).

[32] Sentenza Da Silva Martins (punt 29).

[33] Sentenza Da Silva Martins (punt 31).

[34] Sentenza Da Silva Martins (punt 34).

tal-kuntest tal-adozzjoni ta' din id-dispożizzjoni, li hija għandha tali importanza fl-ordinament ġuridiku nazzjonali li tiġġustifika li titwarrab il-liġi applikabbli, indikata skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament [35].

46. B'dan premess, jidhirli li huwa importanti li jiġi rrilevat li, sa fejn, kif diġà indikajt, l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti, fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, għandha l-effett li teskludi l-applikazzjoni tal-liġi applikabbli bis-saħħa ta' dan ir-regolament billi tidderoga mill-mekkaniżmu stabbilit mir-regoli ta' kunflitt tal-liġijiet previsti minnu, il-qorti nazzjonali għandha tirrikorri għad-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, biss bħala l-aħħar għażla.

47. Fil-fatt, fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja saħqet li l-għan imfittex mir-Regolament Ruma II jikkonsisti, b'mod partikolari, kif jirriżulta mill-premessi 6 [36], 14 [37] u 16 [38] tiegħu, f'li tiġi ggarantita s-*sigurtà fir-rigward tad-dritt applikabbli* irrispettivament mill-pajjiż li fih titressaq l-azzjoni kif ukoll li tittejjeb il-*prevedibbiltà tad-deċiżjonijiet* ġudizzjarji u li jiġi żgurat bilanċ raġonevoli bejn l-interessi tal-persuna li r-responsabbiltà tagħha hija invokata u dawk tal-persuna leża [39].

48. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja impliċitament aċċettat fil-ġurisprudenza tagħha dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti", fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, li l-klassifikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali bħala "dispożizzjoni obbligatorja prevalenti", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ma tistax tkun operazzjoni awtomatika, iżda teħtieġ *evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami* li twassal sabiex l-applikazzjoni tal-liġi tal-forum titqies li hija neċessarja għas-salvagwardja tal-interessi pubbliċi ta' pajjiż [40].

49. F'dan ir-rigward, mhux biss għandu jirriżulta minn analiżi ddettaljata li l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti hija meħtieġa fl-ordinament ġuridiku tal-forum, iżda tali applikazzjoni għandha tkun ukoll *l-iktar mezz effettiv biex jintlaħaq l-għan imfittex*, jiġifieri li jiġi protett l-interess tal-Istat. Jekk dan ma jkunx il-każ, u sal-punt li l-interessi pubbliċi tal-Istat jistgħu jiġu protetti bl-istess mod, jew aħjar, bl-applikazzjoni tal-liġi ġeneralment applikabbli għall-obbligi mhux kuntrattwali bis-saħħa tal-Artikolu 4 tar-Regolament Ruma II, il-qorti tar-rinviju għandha toqgħod lura milli tapplika l-mekkaniżmu ta' deroga previst fl-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament [41].

50. Barra minn hekk, ninnota punt importanti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II li ma jirriżultax b'mod ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri l-importanza tal-eżistenza ta' rabtiet mill-qrib biżżejjed mal-pajjiż tal-*lex fori*. Fil-fatt, ma

[35] Sentenza Da Silva Martins (punt 35 u d-dispożittiv).

[36] Il-premessa 6 tar-Regolament Ruma II tiddikjara li l-"funzjonament tajjeb tas-suq intern jeżiġi li r-regoli tal-konflitt ta' liġijiet fl-Istati Membri jindikaw l-istess liġi nazzjonali irrispettivament mill-pajjiż tal-qorti li fih tkun saret il-kawża, u dan sabiex jittejbu l-prevedibbiltà tar-riżultat tal-kawżi, iċ-ċertezza dwar il-liġi applikabbli u l-moviment liberu tas-sentenzi".

[37] Il-premessa 14 tar-Regolament Ruma II tiddikjara li r-"rekwiżit taċ-ċertezza legali u l-ħtieġa li ssir ġustizzja f'każijiet individwali huma elementi essenzjali f'qasam tal-ġustizzja". Ara, ukoll, in-nota ta' qiegħ il-paġna 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[38] Il-premessa 16 tar-Regolament Ruma II tiddikjara li "[r]egoli uniformi għandhom itejbu l-prevedibbiltà tad-deċiżjonijiet tal-qrati u jiżguraw bilanċ raġonevoli bejn l-interessi tal-persuna allegatament responsabbli u dawk tal-persuna li ġarrbet id-dannu. Konnessjoni mal-pajjiż fejn seħħ id-dannu dirett (*lex loci damni*) toħloq bilanċ ġust bejn l-interessi tal-persuna miżmuma responsabbli u tal-persuna li ġġarrab id-dannu, u tirrifletti wkoll l-approċċ modern tar-responsabbiltà ċivili u l-iżvilupp ta' sistemi ta' responsabbiltà oġġettiva".

[39] Sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2015, Lazar (C-350/14, EU:C:2015:802, punt 29), u tas-17 ta' Mejju 2023, Fonds de Garantie des Victimes des Actes de Terrorisme et d'Autres Infractions (FGTI) (C-264/22, EU:C:2023:417, punt 30).

[40] Fuq l-importanza għall-qorti adita li tevalwa ċ-ċirkustanzi tal-kawża, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Nikiforidis (C-135/15, EU:C:2016:281, punt 72).

[41] Bonomi, A., "Article 9", *Commentary on the Rome I Regulation*, Magnus, U. u Mankowski, P. (edituri), Verlag Dr. Otto Schmidt, Köln, 2017, Vol. 22, p. 599 sa 629, b'mod partikolari p. 626, punt 85.

nistgħux nikklassifikaw *a priori* ċerti regoli bħala "dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti", peress li din il-klassifikazzjoni tiddependi, f'ċerti każijiet, fuq iċ-ċirkustanzi fattwali li minnhom jirriżultaw rabtiet mill-qrib biżżejjed mal-pajjiż tal-forum.

3. Fuq l-eżistenza ta' rabtiet mill-qrib biżżejjed mal-pajjiż tal-lex fori

51. Kif inhu magħruf, mill-qari tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma semmiex kundizzjonijiet oħra li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex il-qorti adita tkun tista' tapplika d-dispożizzjonijiet obbligatorji tal-liġi tal-forum billi tidderoga mil-liġi ġeneralment applikabbli. B'mod partikolari, ma tissemmiex in-neċessità li jintwera li s-sitwazzjoni kkonċernata għandha rabta mill-qrib mal-pajjiż tal-forum, rabta li tiġġustifika l-applikazzjoni eċċezzjonali ta' dawn id-dispożizzjonijiet [42]. Madankollu, kif enfasizzaw ċerti awturi tad-duttrina, dan is-silenzju ma għandux jiġi interpretat bħala li jfisser li dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti jistgħu jiġu applikati mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni r-rekwiżit ta' rabta stretta mal-pajjiż tal-*lex fori* [43].

52. Tabilħaqq, fid-dawl tal-fatt li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji tidderoga mill-applikazzjoni tal-liġi ġeneralment applikabbli bis-saħħa tar-Regolament Ruma II, dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx applikazzjoni awtomatika u l-qrati nazzjonali għandhom l-ewwel nett jivverifikaw jekk is-sitwazzjoni inkwistjoni għandhiex rabtiet mill-qrib mal-pajjiż tal-forum [44]. Fi kliem ieħor, u fuq kollox fir-rigward ta' dispożizzjonijiet li ma jipproteġux esklużivament l-interess pubbliku jew Statali, il-qorti tista' tirrikorri għall-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament biss jekk l-Istat Membru tal-forum jista' jiġġustifika l-interess imperattiv li tiġi rregolata din is-sitwazzjoni [45].

53. Barra minn hekk, il-ħtieġa ta' rabta mill-qrib tippermetti l-ġlieda kontra l-forum shopping. Dan il-fenomenu jirriskja li jimmanifesta ruħu speċjalment fiċ-ċirkustanzi inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza Inkreal [46].

54. Minn dan isegwi li ma huwiex possibbli li regoli jiġu kklassifikati *in abstracto* bħala "dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti" u lanqas li jingħad, ukoll *in abstracto*, jekk, f'dan il-każ, għandux jintuża l-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II. B'mod partikolari, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, għandu jirriżulta miċ-ċirkustanzi kollha li s-sitwazzjoni inkwistjoni għandha rabtiet suffiċjentement mill-qrib mal-pajjiż tal-*lex fori*.

[42] Ara l-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[43] Wautelet, P, "Article 16", *Commentary on the Rome I Regulation*, Magnus, U. u Mankowski, P. (edituri), Verlag Dr. Otto Schmidt, Köln, 2019, Vol. 3, p. 549 sa 566, b'mod partikolari punti 48 u 49.

[44] Ara l-punt 48 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[45] Fuq ir-rwol tal-prossimità fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti u fuq il-ġurisprudenza ċċitata fihom, ara Nuyts, A. "L'application des lois de police dans l'espace (Réflexions au départ du droit belge de la distribution commerciale et du droit communautaire)", *Revue critique de droit international privé*, 1999, p. 50; Bonomi, A., "Overriding Mandatory Provisions in the Rome I Regulation on the Law Applicable to Contracts", Yearbook of Private International Law, Vol. X, SELP, 2008, p. 291 *et seq*, u Pacuła, K., "Przepisy wymuszające swoje zastosowanie JAKO instrony sh strony słabzej" umowy Ubezpieczenia", Problemy Prawa Prywatnego Międzynarodowego, Vol. 15, 2014, p. 38 *et seq*.

[46] Fuq il-kwistjoni dwar jekk l-eżistenza ta' klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni tikkostitwixxix fiha nnifisha element ta' estranjetà suffiċjenti sabiex twassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament Brussell Ia dwar l-estensjoni tal-ġurisdizzjoni, ara s-sentenza tat-8 ta' Frar 2024, Inkreal (C-566/22, EU:C:2024:123, punt 39 u d-dispożittiv). F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 25(1) tar-Regolament Brussell Ia japplika għal ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni li permezz tiegħu l-partijiet f'kuntratt stabbiliti fl-istess Stat Membru jaqblu dwar il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Stat Membru ieħor sabiex jieħdu konjizzjoni ta' tilwim li jirriżulta minn dan il-kuntratt, anki jekk l-imsemmi kuntratt ma jinkludi ebda rabta oħra ma' dan l-Istat Membru l-ieħor.

55. B'dan premess, għadni rrid nikkjarifika l-kriterji li jippermettu li r-regoli li jipproteġu d-drittijiet individwali jiġu kklassifikati bħala "dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti", fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, moqri flimkien mal-premessa 32 tiegħu.

4. Fuq il-kriterji li jippermettu li r-regoli li jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet individwali jiġu kklassifikati bħala "dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti", fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II

56. Nirrileva, fl-ewwel lok, li d-definizzjoni tal-kunċett ta' "dispositions impératives dérogatoires" ("dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti"), fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, kif tirriżulta mid-definizzjoni tal-kunċett ta' "lois de police" ("dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti"), fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament Ruma I u tal-ġurisprudenza kkonsolidata tal-Qorti tal-Ġustizzja esposta iktar 'il fuq[47], għandha tinqara flimkien mal-premessa 32 tar-Regolament Ruma II. Din il-premessa tiddikjara b'mod partikolari li "konsiderazzjonijiet ta' l-interess pubbliku jiġġustifikaw il-possibbiltà mogħtija lill-qrati ta' l-Istati Membri li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, japplikaw eċċezzjonijiet ibbażati fuq il-prinċipju ta' l-ordni pubbliku u fuq dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti"[48].

57. Fil-fehma tiegħi, minn qari konġunt ta' din il-ġurisprudenza u tal-premessa 32 tar-Regolament Ruma II jirriżulta li l-qrati tal-Istati Membri jistgħu jirrikorru għall-mekkaniżmu derogatorju tal-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament, f'"ċirkustanzi eċċezzjonali", meta huma jqisu l-applikazzjoni tal-*lex fori* "kruċjali" abbażi ta' "kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku". Fi kliem ieħor, kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku jikkundizzjonaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*lex fori* "li r-rispett tagħhom huwa meqjus bħala kruċjali" mill-qrati nazzjonali. B'mod partikolari, il-premessa 32 tal-imsemmi regolament tgħid li "l-applikazzjoni, ta' dispożizzjoni tal-liġi indikata minn dan [l-istess regolament], li jkollha l-effett li tikkawża l-impożizzjoni ta' danni, eżemplari jew punittivi, mhux kompensatorji ta' natura eċċessiva tista', skond iċ-ċirkostanzi tal-każ u s-sistema ġuridika ta' l-Istat Membru tal-qorti li quddiemha tressqet it-talba, tiġi meqjusa bħala kuntrarja għall-ordni pubbliku ('ordre public') tal-forum".

58. Fit-tieni lok, nirrileva li l-protezzjoni prevista mill-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II ma tikkonċernax awtomatikament l-interessi pubbliċi kollha ta' Stat. Sabiex jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, dawn l-interessi għandhom ikunu tant sinjifikattivi li jaffettwaw, b'mod partikolari, l-organizzazzjoni politika, soċjali jew ekonomika tal-Istat ikkonċernat[49]. Għalhekk huwa importanti li jiġi ddeterminat jekk, fil-kuntest tal-premessa 32 ta' dan ir-regolament, ir-riferiment tal-leġiżlatur tal-Unjoni għall-għanijiet ta' interess pubbliku għandux jiġi interpretat *stricto sensu* jew jekk jistax jiġi estiż ukoll għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jipproteġu l-interessi individwali. Din il-kwistjoni hija s-suġġett ta' dibattitu qawwi bejn l-awturi tad-duttrina sa fejn il-linja bejn il-protezzjoni tal-interessi kollettivi u dik tal-interessi individwali ma hijiex faċli li tiġi identifikata[50]. Il-kjarifika ta' din il-linja ser tikkontribwixxi b'mod deċiżiv għall-interpretazzjoni awtonoma tal-kunċett ta' "dispożizzjonijiet

[47] Ara l-punti 38 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

[48] Ara wkoll il-premessa 37 tar-Regolament Ruma I. Fuq il-korrelazzjoni stretta bejn ir-regoli mandatorji u l-"protezzjoni tal-ordni pubbliku", ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Nikiforidis (C-135/15, EU:C:2016:281, punti 68 *et seq*.).

[49] Bonomi, A., "Article 9", *Commentary on the Rome I Regulation*, *op. cit*., p. 626, punt 84.

[50] Rigward id-dibattitu duttrinali relatat mal-interpretazzjoni tal-premessa 32 tar-Regolament Ruma II, ara, b'mod partikolari, Wautelet, P., "Article 16", *Commentary on the Rome II Regulation*, *op. cit*., p. 554, punt 15; Francq, S., u Jault-Seseke, F., « Les lois de police, une approche de droit comparé », *Le règlement communautaire Rome I et le choix de loi dans les contrats internationaux*, *op. cit*., p. 360 sa 371, u Pailler, L., "Conflit de lois: CJUE, 6e ch., 31 janv. 2019, aff. C-149/18, Agostinho da Silva Martins c/Dekra Claims Services Portugal SA.", *Journal du droit international (Clunet)*, Nru 3, 2019, p. 890 sa 894.

obbligatorji prevalenti", fis-sens tal-Artikolu 16 tar-regolament imsemmi. Fil-fatt, il-possibbiltà li jiġu protetti wkoll l-interessi individwali għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 16 tal-istess regolament fid-dawl tal-premessa 32 tiegħu.

59. Fil-fehma tiegħi, hemm żewġ argumenti favur din l-interpretazzjoni.

60. L-ewwel argument huwa marbut mal-interazzjoni bejn l-interessi kollettivi u l-interessi individwali. B'hekk, fil-qasam tar-responsabbiltà delittwali, ir-regoli li Stat Membru jistabbilixxi sabiex jipproteġi kategorija ta' persuni leżi, billi jimmodifika, b'mod partikolari, l-oneru tal-prova jew billi jistabbilixxi limitu minimu ta' kumpens, jista' jkollhom bħala għan prinċipali tagħhom li jerġa' jinġieb bilanċ bejn l-interessi konkorrenti ta' partijiet privati. Indirettament, jistgħu minħabba dan jikkontribwixxu wkoll għall-protezzjoni tal-ordni soċjali u ekonomiku tal-Istat Membru billi jnaqqsu l-impatt tal-inċidenti fuq ir-riżorsi pubbliċi [51].

61. It-tieni argument, fl-istess sens, jirrigwarda l-osservazzjoni li l-premessa 32 tar-Regolament Ruma II ssemmi, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet dwar l-evalwazzjoni tal-kumpens, li tinkludi, konsegwentement, il-possibbiltà li dan il-kumpens ikun dovut bejn ċerti kategoriji ta' persuni fiżiċi. F'dan ir-rigward, irrid nispeċifika li, anki jekk din il-premessa tgħid li l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet tista' titqies "kuntrarja għall-ordni pubbliku ('ordre public') tal-forum", mingħajr ma jissemma wkoll il-mekkaniżmu tar-regoli mandatorji, l-istess jgħodd, fil-fehma tiegħi, għar-rigward ta' dan l-aħħar mekkaniżmu.

62. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nikkunsidra li d-dispożizzjonijiet immirati fuq kollox biex jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet individwali jistgħu jiġu kklassifikati bħala "prevalenti", fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, jekk, lil hinn mill-fatt li dawn id-dispożizzjonijiet jirrikonċiljaw l-interessi individwali, *tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta suffiċjenti ma' interessi pubbliċi meqjusa kruċjali fl-ordinament ġuridiku tal-Istat ikkonċernat*.

63. F'dan ir-rigward, fit-tielet lok, jidhirli importanti li ninnota, bħalma jagħmel il-Gvern Ġermaniż, li l-protezzjoni speċjali mogħtija minn dispożizzjoni obbligatorja derogatorja għandha tidher li hija l-espressjoni neċessarja ta' prinċipji legali fundamentali.

64. Huwa ċertament minnu li r-regoli previsti mill-Istati biex jipproteġu ċerti kategoriji ta' drittijiet individwali, bħad-dritt li jinkisbu danni għall-vittmi ta' reati kriminali jew inċidenti tat-traffiku, jistgħu jingħataw, fi ħdan ordinament ġuridiku nazzjonali partikolari, tali importanza li jitqiesu bħala prinċipji legali fundamentali, li minnhom jagħmel parti wkoll il-prinċipju ta' ekwità.

65. F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tinnota li l-prinċipju ta' kumpens ekwu stabbilit fl-Artikolu 52 taż-ZZD jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt Bulgaru, fejn il-prinċipju ta' ekwità jagħmel parti mill-ordni pubbliku tal-Istat. Kif diġà osservajt, din il-qorti madankollu kkonstatat li l-ġurisprudenza tal-qrati Bulgari hija diverġenti dwar il-kwistjoni jekk l-Artikolu 52 taż-ZZD, li jimplika li mhux biss it-tbatijiet li kkawżaw ħsara patoloġika, iżda t-tbatijiet kollha mġarrba, jistgħu jkunu s-suġġett ta' tali kumpens, jikkostitwixxi dispożizzjoni obbligatorja prevalenti, fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, li jwassal, fil-kawża prinċipali, għall-esklużjoni tad-dritt Ġermaniż [52]. Il-fatt li din il-ġurisprudenza tal-qrati Bulgari hija, kif tindika l-qorti

[51] Wautelet, P., "Article 16", *Commentary on the Rome II Regulation*, *op. cit.*, p. 554, punti 15 u 16.

[52] Ara l-punt 33 ta' dawn il-konklużjonijiet.

tar-rinviju, diverġenti twassalni, mad-daqqa ta' għajn, biex niddubita jekk il-prinċipju ta' ekwità huwiex prinċipju fundamentali fl-ordinament ġuridiku Bulgaru. Madankollu hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika dan.

66. Fi kwalunkwe każ, għandi nenfasizza, fir-raba' u l-aħħar lok, li, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, moqri flimkien mal-premessa 32 tiegħu, il-possibbiltà li jintużaw dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti sabiex jiġu protetti interessi kemm kollettivi kif ukoll individwali għandha titqiegħed f'relazzjoni mad-dritt sostantiv tal-Unjoni, li jista' jikkostitwixxi l-liġi applikabbli skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament.

67. Fis-sentenza HUK-COBURG I, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-Direttiva 2009/103 ma tipprekludix, bħala prinċipju, leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi kriterji vinkolanti sabiex jiġi ddeterminat id-dannu immaterjali li jista' jiġi kkumpensat. Hija għalhekk iddeċidiet li din id-direttiva ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-kumpens, *mill-assiguratur għar-responsabbiltà ċivili* li tirriżulta miċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi bil-mutur, tad-danni immaterjali mġarrba mill-membri tal-familja qrib tal-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku għall-kundizzjoni li dawn id-danni wasslu għal ħsara patoloġika f'tali membri tal-familja qrib [53]. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli bis-saħħa tal-Artikolu 4 tar-Regolament Ruma II, dispożizzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2009/103 [54] fid-dritt nazzjonali, tkun konformi ma' din id-direttiva sakemm tipprovdi kriterju għal kumpens ġust għad-dannu immaterjali.

68. F'tali ċirkustanzi, meta d-Direttiva 2009/103 tipprevedi ammonti minimi ta' kopertura bl-assigurazzjoni obbligatorja, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-*lex fori*, b'mod partikolari fil-każ fejn hija tipprovdi għal ammonti ogħla ta' kopertura, jista' jiġi kkunsidrat biss jekk il-protezzjoni li hija meqjusa bħala kruċjali għas-salvagwardja tal-interessi pubbliċi tal-Istat tal-forum, fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma II, titqies, fi ħdan l-ordinament ġuridiku ta' dan l-Istat, *li tmur lil hinn mill-istandards minimi żgurati mid-dritt tal-Unjoni*, indipendentement minn dak li huwa previst mil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri l-oħra.

69. Madankollu, kif jirriżulta wkoll mis-sentenza HUK-COBURG I, *l-obbligu ta' kopertura* permezz ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà ċivili għad-danni kkawżati lil terzi minn vetturi bil-mutur huwa distint mill-portata tal-kumpens għal dawn id-danni taħt ir-responsabbiltà ċivili tal-assigurat. Fil-fatt, filwaqt li l-ewwel wieħed huwa ddefinit u ggarantit mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, it-tieni wieħed huwa rregolat, essenzjalment, mid-dritt nazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika li, fil-fatt, mill-għan tad-Direttiva 2009/103 u mill-kliem tagħha jirriżulta li din, bħad-direttivi li hija tikkodifika, ma hijiex intiża li tarmonizza s-sistemi ta' responsabbiltà ċivili tal-Istati Membri u li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, dawn tal-aħħar jibqgħu liberi li jiddeterminaw is-sistema ta' responsabbiltà ċivili applikabbli għall-inċidenti li jirriżultaw miċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi bil-mutur [55]. Konsegwentement, u b'kunsiderazzjoni b'mod partikolari tal-punt 2 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/103, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri jibqgħu, bħala prinċipju, liberi li jiddeterminaw, b'mod

[53] Sentenza HUK-COBURG I (punt 51 u d-dispożittiv).

[54] Kif diġà osservajt, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni f'dik il-kawża kienet l-istess bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża.

[55] Sentenza HUK-COBURG I (punti 35 u 36). B'mod partikolari mill-punt 48 ta' din is-sentenza jirriżulta li d-Direttiva 2009/103 ma tobbligax lill-Istati Membri jagħżlu sistema partikolari ta' responsabbiltà ċivili sabiex jiddeterminaw il-portata tad-dritt tal-vittma għal kumpens taħt ir-responsabbiltà ċivili tal-assigurat.

partikolari, liema dannu kkawżat minn vetturi bil-mutur għandu jkun b'mod obbligatorju s-suġġett ta' kumpens, il-portata tad-dritt għal kumpens u l-persuni li għandhom ikunu intitolati għalih [56].

70. F'din il-kawża, il-liġi li hija applikabbli bis-saħħa tal-Artikolu 4 tar-Regolament Ruma II u li ser titwarrab favur il-liġi tal-forum, applikabbli bis-saħħa tal-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament, taqa' taħt id-dritt sostantiv dwar ir-responsabbiltà ċivili li għalih tirreferi d-Direttiva 2009/103 [57].

V. Konklużjoni

71. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda preliminari magħmula mill-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, il-Bulgarija) kif ġej:

L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali ("Ruma II")

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jipprekludi li dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi, bħala kriterju sabiex jiġi ddeterminat il-kumpens għad-danni immaterjali mġarrba minn membri tal-familja qrib ta' persuna li mietet f'inċident tat-traffiku, l-applikazzjoni ta' prinċipju fundamentali tad-dritt ta' Stat Membru, bħalma huwa l-prinċipju ta' ekwità, tista' titqies bħala dispożizzjoni obbligatorja prevalenti, fis-sens ta' dan l-artikolu, sakemm il-qorti adita ma ssibx, fuq il-bażi tal-eżistenza ta' rabtiet biżżejjed mill-qrib mal-pajjiż tal-forum u ta' analiżi ddettaljata tat-termini, tal-istruttura ġenerali, tal-għanijiet kif ukoll tal-kuntest tal-adozzjoni ta' din id-dispożizzjoni, li hija għandha importanza tali fl-ordinament ġuridiku nazzjonali li tiġġustifika li titwarrab il-liġi applikabbli indikata skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament.

[56] Sentenza HUK-COBURG I (punt 37).

[57] Fil-każ ipotetiku fejn il-leġiżlazzjoni applikabbli bis-saħħa tal-Artikolu 4 tar-Regolament Ruma II taqa' taħt id-Direttiva 2009/103, ikollu jiġi kkonstatat, sabiex tiġi eskluża l-applikazzjoni tagħha favur il-*lex fori* għal raġunijiet ibbażati fuq in-natura obbligatorja tad-dispożizzjonijiet ta' tagħha fl-ordinament ġuridiku tal-forum, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni ddettaljata ta' dawn id-dispożizzjonijiet, li, fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/103, il-leġiżlatur tal-forum qies kruċjali, fl-ordinament ġuridiku tiegħu, li jagħti lill-membri tal-familja qrib ta' vittma ta' inċident tat-traffiku "protezzjoni li tmur lil hinn minn dik prevista mill-imsemmija direttiva, filwaqt li jittieħed kont f'dan ir-rigward tan-natura u tal-iskop ta' [din id-dispożizzjoni meqjusa li hija obbligatorja]". Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Unamar (punti 50 sa 52) u Da Silva Martins (punt 30).